

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Għajnuna Legali](#) > [Romania](#)

Għajnuna legali

 Rumanija

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Il-proċedimenti legali xi spejjeż jinvolve, u normalment min irid iħallashom?

L-għajnuna legali pubblika tista' tingħata fil-forom li ġejjin:

(a) il-ħlas tat-tariffa għar-rappreżentanza, l-assistenza legali u, fejn applikabbli, id-difiża minn avukat maħtur jew magħżul sabiex jiġi żgurat l-eżerċitar jew is-salvagwardjar ta' dritt jew interess leġittimu fil-qorti jew sabiex tiġi evitata tilwima, minn hawn 'il quddiem imsejħa "assistenza minn avukat";

b) il-ħlas ipprovdut lill-espert, lit-traduttur jew lill-interpretu użat matul il-proċedimenti, bl-approvazzjoni tal-qorti jew tal-awtorità ġudizzjarja, jekk dan il-ħlas jaqa' fuq il-persuna li tippreżenta rikors għall-għajnuna legali pubblika;

(c) il-ħlas tat-tariffa tal-uffiċjal ġudizzjarju;

(d) eżenzjonijiet minn, tnaqqis, skedar mill-ġdid jew differiment tal-ħlas tal-ispejjeż legali, kif previst mil-liġi, inklużi dawk dovuti fl-istadju tal-eżekuzzjoni.

Meta l-għajnuna legali pubblika tiġi pprovduta lil ċittadini tal-Istati Membri tal-UE jew lil persuni oħra li jkollhom id-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru, l-għajnuna legali pubblika approvata tista' tinkludi wkoll:

(a) l-ispejjeż għat-traduzzjoni tad-dokumenti ppreżentati mill-benefiċjarju, li kienu mitluba mill-qorti jew mill-awtorità ġudizzjarja għar-riżoluzzjoni tal-każ, u t-talbiet u d-dokumenti relatati sottomessi jew riċevuti huma eżentati mill-formalità tal-legalizzazzjoni jew minn kwalunkwe formalità ekwivalenti oħra.

(b) is-servizzi ta' interpretu fil-proċedimenti mwettqa quddiem il-qorti/awtorità ġudizzjarja;

(c) l-ispejjeż imġarrba bl-ivvjaġġar li l-benefiċjarju tal-assistenza jew persuna oħra jkun irid jagħmel lejn ir-Rumanija fuq talba tal-qorti jew tal-awtorità ġudizzjarja, jew fejn il-liġi tirrikjedi, il-preżenza obbligatorja ta' xi waħda minn dawn il-persuni.

Il-persuna eliġibbli li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-mistoqsija Nru 3 hija intitolata wkoll għal rimborż tal-ħlas magħmul lill-medjatur bħala tariffa meta hija tagħti prova li, qabel ma bdew il-proċedimenti legali, hija kienet għaddiet mill-proċedimenti ta' medjazzjoni għat-tilwima jew jekk titlob il-medjazzjoni wara l-bidu tal-proċedimenti, iżda qabel id-data tal-ewwel seduta.

L-għajnuna legali pubblika tista' tiġi pprovduta, separatament jew b'mod kumulattiv, fi kwalunkwe waħda mill-forom imsemmija hawn fuq. Il-valur tal-għajnuna legali pubblika pprovduta, separatament jew b'mod kumulattiv, fi kwalunkwe forma ta' assistenza minn avukat, espert, traduttur, interpretu jew uffiċjal ġudizzjarju, ma jistax jaqbeż il-livell massimu ekwivalenti ta' tnax-il salarju minimu gross nazzjonali fuq perjodu ta' sena fis-sena meta jkun ġie ppreżentat ir-rikors għall-għajnuna.

(L-Artikoli 6, 7, 20 u 44 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata)

2 X'inhija eżattament l-għajnuna legali?

L-għajnuna legali pubblika tikkostitwixxi l-forma ta' assistenza mogħtija mill-Istat bil-għan li jipprovdi għad-dritt għal proċess ġust u li jissalvagwardja l-aċċess ugwali għall-att tal-ġustizzja sabiex jiġi żgurat l-eżerċitar ta' ċerti drittijiet jew interessi leġittimi b'mezzi ġudizzjarji, inkluż għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi tal-qorti jew titoli eżegwibbli oħra.

(L-Artikolu 1 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata)

3 Għandi dritt għal għajnuna legali?

Kwalunkwe persuna fiżika tista' tapplika għall-għajnuna legali pubblika jekk ma tkunx tista' tlaħħaq mal-ispejjeż legali għal ċerti proċedimenti, jew ma' dawk li jirriżultaw mir-riċeviment ta' konsulenza legali sabiex jiġi salvagwardjat dritt jew interess leġittimu fil-qorti, mingħajr ma jiġi pperikolat il-manteniment tagħha jew tal-familja tagħha.

Familja tfisser il-konjuġi, it-tfal jew dixxendenti diretti oħra sal-età ta' 18-il sena, li jkunu finanzjarjament dipendenti fuq ir-rikorrent, u t-tfal jew dixxendenti diretti oħra ta' 'l fuq minn 18-il sena, iżda sal-età ta' 26 sena, jekk ikunu qed ikomplu l-istudji tagħhom u jkunu jiddependu finanzjarjament fuq ir-rikorrent. Membru tal-familja huwa meqjus ukoll li huwa l-persuna li tikkondividi d-domiċilju jew il-post tar-residenza, jew id-dar, mar-rikorrent, it-tfal jew dixxendenti diretti oħra tagħha sal-età ta' 18-il sena, li jkunu finanzjarjament dipendenti fuq ir-rikorrent, u t-tfal jew dixxendenti diretti oħra ta' 'l fuq minn 18-il sena, iżda sal-età ta' 26 sena, jekk ikunu qed ikomplu l-istudji tagħhom u jkunu jiddependu finanzjarjament fuq ir-rikorrent.

Il-persuni li d-dħul nett medju tagħhom kull xahar għal kull membru tal-familja jkun anqas minn RON 500 fl-aħħar xahrejn ta' qabel is-sottomissjoni tar-rikors huma intitolati għal għajnuna legali pubblika. F'dan il-każ, l-ammonti li jikkostitwixxu għajnuna legali pubblika jitħallsu kollha mill-Istat. Jekk id-dħul nett medju għal kull membru tal-familja fl-aħħar xahrejn ta' qabel is-sottomissjoni tar-rikors ikun anqas minn RON 800, l-ammonti li jikkostitwixxu għajnuna legali pubblika jitħallsu mill-Istat b'rata ta' 50 %. L-ammonti li jikkostitwixxu l-limiti tad-dħul u l-limitu massimu li jista' jingħata bħala għajnuna legali pubblika jistgħu jiġu riveduti b'deċiżjoni tal-Gvern.

L-għajnuna legali pubblika tista' tingħata wkoll f'każijiet oħra, b'mod proporzjonali mal-ħtiġijiet tar-rikorrent, meta l-ispejjeż legali reali jew stmati aktarx li jirrestrinġu l-aċċess effettiv tar-rikorrent għall-ġustizzja, inkluż għall-ispejjeż differenti tal-għajxien bejn l-Istat Membru fejn ir-rikorrent ikun domiċiljat jew ikollu r-residenza abitwali tiegħu, u r-Rumanija.

Meta jkun qed jiġi determinat id-dħul, jiġi kkunsidrat kwalunkwe dħul regolari bħal pagi, allowances, ħlasijiet, annwalitajiet, kirjiet, profitt mill-kummerċ jew mill-impjieg indipendenti u oħrajn simili, kif ukoll l-ammonti dovuti fuq bażi regolari, bħal kirjiet u obbligi ta' manteniment.

L-għajnuna legali pubblika tingħata b'mod indipendenti mill-istatus finanzjarju tar-rikorrent jekk liġi speċjali tipprevedi d-dritt għall-assistenza legali jew għal assistenza legali bla ħlas bħala miżura protettiva fid-dawl ta' ċirkostanzi speċjali bħal minoranza, diżabbiltà, ċertu status jew oħrajn simili. F'dan il-każ, l-għajnuna legali pubblika tingħata mingħajr ma jiġu ssodisfati l-kriterji tad-dħul, iżda biss għas-salvagwardjar jew ir-rikonoxximent ta' ċerti drittijiet jew interessi leġittimi li jirriżultaw minn jew li jkunu relatati maċ-ċirkostanza speċjali li tkun iġġustifikat ir-rikonoxximent, skont il-liġi, tad-dritt għall-assistenza legali jew għal assistenza legali bla ħlas.

Id-dritt għall-għajnuna legali pubblika jintemm bil-mewt tal-parti jew bit-titjib fl-istatus finanzjarju ta' dik il-parti sal-punt li tkun tiflaħ tħallas l-ispejjeż legali.

(L-Artikoli 4, 5, 8, 81, 9, 10, 101, 2, 21 u 50 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata)

4 L-għajnuna legali tingħata għal kull tip ta' proċediment?

L-għajnuna legali pubblika prevista minn din l-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern tingħata fi kwistjonijiet ċivili, kummerċjali, amministrattivi, tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali, kif ukoll fi kwistjonijiet oħra, bl-eċċezzjoni ta' kwistjonijiet kriminali.

(L-Artikolu 3 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata)

5 Jeżistu proċeduri speċjali f'każijiet ta' bżonn?

L-ebda proċedura partikolari ta' urġenza fi kwistjonijiet ta' assistenza legali mhija regolata.

6 Minn fejn nista' nikseb formola ta' applikazzjoni għal għajnuna legali?

Ir-rikorsi għall-għajnuna legali pubblika, li jiġu ppreżentati f'konformità ma' dan il-kapitolu, jitħejjew skont il-formola tar-rikors stabbilita fl-Anness li jiffirma parti integrali minn din l-Ordni ta' Emerġenza *(l-Artikolu 49 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata)*.

FORMOLA

għar-rikors għall-għajnuna legali fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea

Struzzjonijiet:

1. Qabel timla l-formola tar-rikors, jekk jogħġbok aqra sewwa dawn l-istruzzjonijiet.
2. Il-persuna li timla l-formola tar-rikors trid tipprovdi l-informazzjoni kollha mitluba f'din il-formola.
3. Kwalunkwe informazzjoni impreċiża, inadegwata jew mhux kompluta tista' ddewwem l-ipproċessar tar-rikors tiegħek.
4. L-inklużjoni ta' informazzjoni falza jew mhux kompluta fir-rikors tista' tirriżulta f'konsegwenzi legali u r-rikors għall-għajnuna legali jista' jiġi miċħud; inti tista' tiffaċċja wkoll akkużi kriminali.
5. Jekk jogħġbok ehmeż id-dokumenti kollha ta' sostenn.
6. Jekk jogħġbok innota li dan ir-rikors ma jaffettwax il-limitu ta' żmien li għandu jiġi osservat biex jinbdeu il-proċedimenti ġudizzjarji.
7. Jekk jogħġbok ikteb id-data u ffirmar r-rikors.

A1. Dettalji personali tar-rikorrent

Kunjom u isem

Data u post tat-twelid

Numru personali

Indirizz (domiċilju jew residenza)

.....

Tel/Faks/Posta elettronika

A2. Dettalji personali tar-rappreżentant legali (ġenitur, kustodju, kuratur, eċċ.), fejn applikabbli (għandhom jimtlew jekk ir-rikorrent ikun rappreżentat legalment)

Kunjom u isem

Data u post tat-twelid

Numru personali

Indirizz

Tel./Faks/Posta elettronika

A3. Dettalji personali tal-avukat tar-rikorrent, fejn applikabbli (għandhom jimtlew jekk ir-rikorrent diġà jkollu avukat)

Kunjom u isem

Indirizz

Tel./Faks/Posta elettronika

B. Informazzjoni dwar it-tilwima li għaliha tintalab l-għajjnuna legali

Jekk jogħġbok ehmeż kopji tad-dokumenti kollha ta' sostenn.

B1. In-natura tat-tilwima (divorzju, impjeg, eċċ.)

B2. Il-valur tat-tilwima jekk jista' jiġi espress fi flus, u l-munita li fiha jiġi espress il-valur tat-tilwima

B3. Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni fejn tkun qiegħda tintalab l-għajjnuna legali pubblika għas-soluzzjoni tagħha (inklużi l-qorti kompetenti, id-data tas-smiġ, l-evidenza, eċċ.)

C. Dettalji dwar il-proċedimenti

Jekk jogħġbok ehmeż kopji tad-dokumenti kollha ta' sostenn.

C1. Il-pożizzjoni attwali tiegħek jew x'se tkun il-pożizzjoni tiegħek fil-proċedimenti (attur jew konvenut)

Iddeskrivi s-suġġett tat-talba ppreżentata għall-eżami

.....

L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-kontroparti

.....

C2. Raġunijiet speċjali għat-talba ta' azzjoni urġenti permezz ta' dan ir-rikors, fejn applikabbli

C3. Jekk jogħġbok elenka l-ispejjeż li għandhom jiġu koperti mir-rikors (li għandhom jiġu verifikati)

–

(a) l-assistenza minn avukat;

–

(b) il-ħlas tal-espert;

–

(c) il-ħlas għat-traduttur jew għall-interpretu li jintuża matul il-proċedimenti;

–

(d) il-ħlas tat-tariffa tal-uffiċjal ġudizzjarju (executorului judecătoresc);

–

(e) l-eżenzjonijiet minn, it-tnaqqis, l-iskedar mill-ġdid jew id-differiment tal-ħlas tal-ispejjeż legali u/jew tal-garanziji (cauțiunilor), kif previst mil-liġi, inklużi t-tariffi u l-garanziji (cauțiunilor) pagabbli fl-istadju tal-eżekuzzjoni.

C4. Jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna legali pubblika hijiex qiegħda tintalab biex tinkiseb:

–

Assistenza minn avukat fil-qafas ta' proċeduri extraġudizzjarji

–

Assistenza minn avukat qabel il-bidu tal-proċedimenti legali

–

Assistenza minn avukat (konsultazzjoni u/jew rappreżentanza) fil-qafas ta' proċedimenti legali li għaddejjin bħalissa. F'dan il-każ, jekk jogħġbok speċifika:

- in-numru tar-reġistrazzjoni

- id-dati tas-seduti

- l-isem tal-qorti

- l-indirizz tal-qorti

–

Assistenza minn avukat fi proċeduri ta' sħarriġ ġudizzjarju kontra sentenza tal-qorti. F'dan il-każ, jekk jogħġbok speċifika:

- l-isem tal-qorti

- id-data tas-sentenza

- ir-raġuni għaliex qed tintalab l-assistenza

- l-appell kontra s-sentenza

–

Assistenza minn avukat fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni. F'dan il-każ, jekk jogħġbok speċifika:

- l-isem tal-qorti

- id-data tad-deċiżjoni jew id-data tal-ħruġ ta' titolu eżegwibbli ieħor.

C6. Speċifika jekk għandek xi forma ta' assigurazzjoni jew drittijiet u faċilitajiet oħra li jistgħu jkopru l-ispejjeż legali kollha jew parti minnhom.

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

.....

.....

D. Is-sitwazzjoni tal-familja

Kemm jgħixu nies fl-unità domestika tiegħek? _____

Jekk jogħġbok speċifika r-relazzjoni tagħhom miegħek

| Kunjom u | Relazzjoni mar- | Data tat-twelid| Din| Ir- |

| isem | rikorrent| (għall- | il-persuna hija | rikorrent huwa |

| | | minorenni) | finanzjarjament dipendenti | finanzjarjament dipendenti |

| | | | fuq ir-rikorrent?| fuq din il-persuna?|

|_____||_____||_____||_____||_____||

| | | | _ | _ |

| | | | |_| | |_| |

|_____||_____||_____||_____||_____||

| | | | _ | _ |

| | | | |_| | |_| |

|_____||_____||_____||_____||_____||

Hemm xi persuna li hija finanzjarjament dipendenti fuqek li ma tgħixx miegħek?

| Kunjom u isem | Relazzjoni mar-rikorrent | Data tat-twelid |

| | | (għall-minorenni) |

|_____||_____||_____||

| | | |

|_____||_____||_____||

| | | |

|_____||_____||_____||

| | | |

|_____||_____||_____||

Inti tiddependi finanzjarjament fuq xi persuna li ma tgħixx miegħek?

| Kunjom u isem | Relazzjoni mar-rikorrent |

|_____||_____||

| | |

Vetturi bil-mutur:				
Assi oħra:				
TOTAL:				

|E.3. Spejjeż |I. Rikorrent |II. Konjuġi jew|III. Persuni|IV. Persuni |

|ta' kull xahar | |konkubin |dipendenti |li jsostnu|

| | | ||Iir-|

| | | | |rikorrent|

--	--	--	--	--

Taxxi: | | | | |

--	--	--	--	--

|Kontribuzzjonijiet | | | | |

|tas-sigurtà soċjali:| | | | |

--	--	--	--	--

|Taxxi lokali: | | | | |

--	--	--	--	--

|Spejjeż | | | | |

|ipotekarji: | | | | |

--	--	--	--	--

|Spejjeż tal-kera u | | | | |

|tal-akkomodazzjoni: | | | | |

--	--	--	--	--

|Spejjeż | | | | |

|fuq l-edukazzjoni: | | | | |

--	--	--	--	--

|Spejjeż | | | | |

|Tħaris tat-tfal | | | | |

lipotekarji:					
Pagamenti parzjali:					
flus lura ta'					
self:					
Manteniment imħallas lil persuni oħra					
taħt					
obbligu legali:					
Spejjeż oħrajn:					
TOTAL:					

Niddikjara fuq l-unur tiegħi li l-informazzjoni mogħtija hija vera u kompluta u nimpenja ruħi li niddikjara mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti li tipproċessa r-rikors kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni finanzjarja tiegħi.

Imħejjija fi

Data

Firma

7 X'dokumenti jridu jiġu ppreżentati mal-formola tal-applikazzjoni għal għajjnuna legali?

It-talba għall-għajjnuna legali pubblika tiġi espressa bil-miktub u tinkludi referenzi dwar is-suġġett u n-natura tal-proċedimenti li għalihom tintalab l-għajjnuna legali pubblika, l-identità, in-numru personali, id-domiċilju u l-istatus finanzjarju tar-rikorrent u tal-familja tiegħu, billi jiġu mehmuża dokumenti ta' sostenn tad-dħul tiegħu u tal-familja tiegħu, u evidenza tal-obbligi ta' manteniment jew ta' flus. Ir-rikors għandu jkun akkumpanjat ukoll minn dikjarazzjoni fuq l-unur mir-rikorrent, fejn jindika jekk irċevix xi għajjnuna legali pubblika fl-aħħar 12-il xahar, f'liema forma, għal liema kwistjoni u l-ammont ta' dik l-għajjnuna.

Il-qorti tista' titlob kwalunkwe kjarifika u evidenza mill-partijiet, jew informazzjoni bil-miktub mill-awtoritajiet kompetenti.

L-assistenza extraġudizzjarja tingħata mis-Servizz tal-Għajjnuna Legali stabbilit f'kull kamra tal-avukati abbażi ta' rikors li l-mudell tiegħu huwa approvat mid-Dipartiment għall-Koordinazzjoni tal-Għajjnuna Legali, li għandu jinkludi referenzi dwar is-suġġett u n-natura tar-rikors għall-għajjnuna, l-identità, in-numru personali, id-domiċilju u l-istatus finanzjarju tar-rikorrent u tal-familja tiegħu, u miegħu jiġu mehmuża dokumenti ta' sostenn għad-dħul tiegħu u tal-familja tiegħu, u evidenza tal-obbligi ta' manteniment jew ta' flus.

Ir-rikors għandu jkun akkumpanjat ukoll minn dikjarazzjoni fuq l-unur mir-rikorrent, fejn jindika jekk irċevix xi għajjnuna legali pubblika fl-aħħar 12-il xahar, f'liema forma, għal liema kwistjoni u l-ammont ta' dik l-għajjnuna.

Ir-rikorrent għandu jipprovi l-evidenza tal-istatus finanzjarju tiegħu prinċipalment permezz tad-dokumenti li ġejjin:

- attestazzjoni tad-dħul għar-rikorrent u għall-membri l-oħra tal-familja tiegħu;
- ir-reġistru tal-familja u, fejn applikabbli, iċ-ċertifikati tat-twelid tat-tfal;
- iċ-ċertifikat ta' diżabbiltà tar-rikorrent jew tat-tfal, fejn applikabbli;
- dikjarazzjoni fuq l-unur li turi li r-rikorrent u l-membri l-oħra tal-familja tiegħu ma jirċevux dħul addizzjonali;
- dikjarazzjoni fuq l-unur rigward l-assi tar-rikorrent u tal-familja tiegħu;
- dikjarazzjoni fuq l-unur li turi li r-rikorrent u/jew il-ġenitur l-ieħor jiddikjaraw li t-tifel/tifla ma jkunx fdat jew imqiegħed taħt il-kustodja ta' korp privat jew servizz pubbliku awtorizzat ieħor, jew ta' kwalunkwe persuna ġuridika;
- prova mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti dwar id-dikjarazzjoni tal-assi taxxabli fuq l-isem tar-rikorrent jew, fejn applikabbli, fuq l-isem tal-membri l-oħra tal-familja tiegħu;
- dokumenti oħra meħtieġa biex jiġi stabbilit id-dritt għall-għajjnuna legali skont il-liġi.

(L-Artikolu 14 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajjnuna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata, u l-Artikolu 73 tal-Liġi Nru 51/1995 għall-organizzazzjoni u l-prattika tal-professjoni ta' avukat, kif sussegwentement emendata u supplimentata).

8 Fejn irrid nibgħat l-applikazzjoni tiegħi għal għajjnuna legali?

Ir-rikors għall-għajjnuna legali pubblika jiġi indirizzat lill-qorti kompetenti li tkun qed tittratta l-kawża li għaliha tintalab l-għajjnuna; għall-għajjnuna legali pubblika mitluba għall-eżekuzzjoni ta' sentenza, ir-rikors jaqa' taħt il-kompetenza tal-qorti tal-eżekuzzjoni. Fejn il-qorti kompetenti ma tkunx tista' tiġi ddeterminata, is-soluzzjoni tkun f'idejn il-qorti distrettwali li fil-ġurisdizzjoni territorjali tagħha r-rikorrent ikollu d-domiċilju jew ir-residenza tiegħu.

Jekk tintalab għajjnuna legali pubblika fi proċedimenti legali li jkunu għaddejnin, ir-rikors(i) għall-għajjnuna legali pubblika, fejn applikabbli, jiġi/jiġu riżolti mill-bord inkarigat mir-riżoluzzjoni tar-rikors prinċipali.

L-għajjnuna legali pubblika tingħata fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti, mid-data li fiha l-parti interessata tkun ippreżentat ir-rikors, u tinżamm matul l-istadju proċedurali kollu li fih tkun intalbet. Ir-rikors għall-għajjnuna legali pubblika huwa eżentat mit-taxxa tal-boll.

L-għajjnuna legali pubblika għall-proċeduri ta' sħarriġ ġudizzjarju tista' tingħata fil-forma ta' rikors ġdid. Ir-rikors għall-għajjnuna legali pubblika għal proċeduri ta' sħarriġ ġudizzjarju jiġi indirizzat lill-qorti li s-sentenza tagħha trid tiġi appellata fil-limitu ta' żmien għall-preżentata ta' appell u jiġi deċiż b'urġenza minn bord li ma jkunx dak li ddeċieda dwar il-merti tal-kawża.

Bis-sottomissjoni tar-rikors għall-għajjnuna legali pubblika, il-limitu taż-żmien għall-preżentata ta' appell jiġi sospiż biss ladarba r-rikorrent jissottometti d-dokumenti ta' sostenn fi żmien ta' mhux aktar minn għaxart ijiem. Limitu ta' żmien ġdid għall-preżentata ta' appell jibda jiddekorri mid-data tal-komunikazzjoni tal-konklużjoni li tiddeċiedi r-rikors għall-għajjnuna legali pubblika jew, fejn applikabbli, ir-rikors għal sħarriġ ġudizzjarju fis-sens ta' ammissjoni jew ċaħda.

Jekk ir-rikors għall-għajjnuna legali pubblika jintlaqa', il-qorti tikkomunika immedjatament il-konklużjoni lir-rikorrent u lill-kamra tal-avukati. Il-kamra tal-avukati trid taħtar avukat fi żmien 48 siegħa, li jkun intitolat li jippreżenta rikors quddiem kwalunkwe qorti tal-appell, skont il-każ. Id-data tal-ħatra tal-avukat u d-dettalji tiegħu jiġu kkomunikati lill-qorti u lir-rikorrent fi żmien ta' mhux aktar minn 48 siegħa. Limitu ta' żmien ġdid għall-preżentata ta' appell jibda jiddekorri mid-data tal-ħatra tal-avukat.

L-assistenza extraġudizzjarja tingħata mis-Servizz tal-Għajjnuna Legali stabbilit f'kull kamra tal-avukati abbażi ta' rikors li l-mudell tagħha huwa approvat mid-Dipartiment għall-Koordinazzjoni tal-Għajjnuna Legali, li għandha tinkludi referenzi dwar is-suġġett u n-natura tar-rikors għall-għajjnuna, l-identità, in-numru personali, id-domiċilju u l-istatus finanzjarju tar-rikorrent u tal-familja tiegħu, u magħha jiġu mehmuża dokumenti ta' sostenn għad-dħul tiegħu u tal-familja tiegħu, u evidenza tal-obbligi ta' manteniment jew ta' ħlas.

Ir-rikors ikun akkumpanjat ukoll minn dikjarazzjoni fuq l-unur mir-rikorrent, fejn jindika jekk irċevix xi għajjnuna legali pubblika fl-aħħar 12-il xahar, f'liema forma, għal liema kwistjoni u l-ammont ta' dik l-għajjnuna.

Ir-rikors għall-assistenza extraġudizzjarja jiġi ppreżentat lis-Servizz tal-Għajnuna Legali u jiġi deċiż fi żmien ta' mhux aktar minn 15-il jum tax-xogħol mid-data tar-reġistrazzjoni permezz ta' deċiżjoni li tilqa' jew tiċħad dak ir-rikors, fejn applikabbli. Id-deċiżjoni tiġi nnotifikata lir-rikorrent fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-ħruġ tad-deċiżjoni. Id-deċiżjoni li tiċħad ir-rikors għall-assistenza extraġudizzjarja tista' tiġi kkontestata quddiem il-Bord tal-Kamra tal-Avukati fi żmien ħamest ijiem min-notifika tagħha. L-oġġezzjonijiet għad-deċiżjoni ta' ċaħda jiġu ttrattati mill-Bord tal-Kamra tal-Avukati, bħala kwistjoni ta' urġenza, matul l-ewwel laqgħa tal-Bord tal-Kamra tal-Avukati.

(L-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata, u l-Artikolu 73 tal-Liġi Nru 51/1995 għall-organizzazzjoni u l-prattika tal-professjoni ta' avukat, kif sussegwentement emendata u supplimentata).

9 Kif nista' nsir naf jekk jiniex intitolat għal għajnuna legali?

Il-qorti tiddeċiedi dwar ir-rikors għall-għajnuna legali pubblika, mingħajr ma ssejjaħ lill-partijiet, b'konklużjoni motivata mogħtija *in camera*. Il-parti interessata tista' tippreżenta rikors għal sħarriġ ġudizzjarju tal-konklużjoni li tiċħad ir-rikors għall-għajnuna legali pubblika fi żmien ħamest ijiem mid-data tan-notifika tal-konklużjoni. Ir-rikors għal sħarriġ ġudizzjarju jiġi deċiż *in camera* minn bord ieħor u l-qorti tagħti konklużjoni irrevokabbli.

Jekk ir-rikors għall-għajnuna legali pubblika jkun ġie approvat għal għajnuna fil-forma ta' assistenza minn avukat, dak ir-rikors u l-konklużjoni tal-approvazzjoni jintbagħtu immedjatament lill-president tal-kamra tal-avukati fil-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti. Il-president tal-kamra tal-avukati jew l-avukat inkarigat b'dan il-kompitu mill-president jaħtar avukat elenkat fir-Reġistru tal-Għajnuna Legali fi żmien tlett ijiem, li jibagħtulu l-konklużjoni flimkien man-notifika tal-ħatra. Il-president tal-kamra tal-avukati jrid jinforma wkoll lill-benefiċjarju tal-għajnuna legali pubblika bl-isem tal-avukat maħtur. Il-benefiċjarju tal-għajnuna legali pubblika jista' jitlob huwa nnifsu l-ħatra ta' avukat partikolari, bil-kunsens ta' dan tal-aħħar skont il-liġi.

Ir-rikors għall-assistenza extraġudizzjarja jiġi ppreżentat lis-Servizz tal-Għajnuna Legali fi ħdan kull kamra tal-avukati u jiġi deċiż fi żmien ta' mhux aktar minn 15-il jum tax-xogħol mid-data tar-reġistrazzjoni permezz ta' deċiżjoni li tilqa' jew tiċħad dak ir-rikors, fejn applikabbli. Id-deċiżjoni tiġi nnotifikata lir-rikorrent fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-ħruġ tad-deċiżjoni. Il-president tal-kamra tal-avukati kompetenti jaħtar avukat mir-Reġistru tal-Għajnuna Legali tal-kamra tal-avukati skont id-deċiżjoni li tingħata assistenza extraġudizzjarja. Il-president tal-kamra tal-avukati jista' japprova, jekk ikun possibbli, li l-assistenza extraġudizzjarja tingħata minn avukat magħżul mill-persuna li lilha tingħata l-għajnuna legali.

(L-Artikolu 15 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata, u l-Artikolu 73 tal-Liġi Nru 51/1995 għall-organizzazzjoni u l-prattika tal-professjoni ta' avukat, kif sussegwentement emendata u supplimentata).

10 X'għandi nagħmel jekk inkun intitolat għal għajnuna legali?

L-għajnuna legali pubblika fil-forma ta' assistenza minn avukat tingħata skont il-Liġi Nru 51/1995 dwar l-organizzazzjoni u l-prattika tal-professjoni ta' avukat, kif ippubblikata mill-ġdid, kif sussegwentement emendata u supplimentata, li tikkonċerna l-għajnuna legali jew l-għajnuna legali mingħajr flas.

Jekk ir-rikors għall-għajnuna legali pubblika jkun ġie approvat għal għajnuna fil-forma ta' assistenza minn avukat, dak ir-rikors u l-konklużjoni tal-approvazzjoni jintbagħtu immedjatament lill-president tal-kamra tal-avukati fil-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti. Il-president tal-kamra tal-avukati jew l-avukat inkarigat b'dan il-kompitu mill-president jaħtar avukat elenkat fir-Reġistru tal-Għajnuna Legali fi żmien tlett ijiem, li jibagħtulu l-konklużjoni flimkien man-notifika tal-ħatra. Il-president tal-kamra tal-avukati jrid jinforma wkoll lill-benefiċjarju tal-għajnuna legali pubblika bl-isem tal-avukat maħtur. Il-benefiċjarju tal-għajnuna legali pubblika jista' jitlob huwa nnifsu l-ħatra ta' avukat partikolari, bil-kunsens ta' dan tal-aħħar skont il-liġi.

L-assistenza minn avukat tista' tkun ukoll assistenza extraġudizzjarja u tikkonsisti fl-għoti ta' konsultazzjoni, is-sottomissjoni ta' talbiet, petizzjonijiet jew notifiki jew il-bidu ta' azzjoni legali oħra bħal din, u fir-rappreżentanza tal-klijenti quddiem awtoritajiet jew istituzzjonijiet pubbliċi, għajr awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet li għandhom setgħat ġudizzjarji, sabiex jiġi żgurat l-eżerċitar ta' ċerti drittijiet jew interessi leġittimi. L-assistenza

extraġudizzjarja trid tirriżulta fl-għoti ta' informazzjoni ċara u aċċessibbli lir-rikorrent skont id-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ rigward l-istituzzjonijiet kompetenti u, jekk ikun possibbli, ir-reqwiziti, il-limiti ta' żmien u l-proċeduri previsti mil-liġi għar-rikonoxximent, l-għoti jew l-eżerċitar tad-dritt jew l-interess, kif allegat mir-rikorrent. L-assistenza extraġudizzjarja tingħata skont il-Liġi Nru 51/1995, kif ippubblikata mill-ġdid, kif sussegwentement emendata u supplimentata.

Ir-rikors għall-assistenza extraġudizzjarja jiġi ppreżentat lis-Servizz tal-Għajnuna Legali fi ħdan kull kamra tal-avukati u jiġi deċiż fi żmien ta' mhux aktar minn 15-il jum tax-xogħol mid-data tar-reġistrazzjoni permezz ta' deċiżjoni li tilqa' jew tiċħad dak ir-rikors, fejn applikabbli. Id-deċiżjoni tiġi nnotifikata lir-rikorrent fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tal-ħruġ tad-deċiżjoni. Id-deċiżjoni li tiċħad ir-rikors għall-assistenza extraġudizzjarja tista' tiġi kkontestata quddiem il-Bord tal-Kamra tal-Avukati fi żmien ħamest ijiem min-notifika tagħha. L-oġġezzjonijiet għad-deċiżjoni ta' ċaħda jiġu ttrattati mill-Bord tal-Kamra tal-Avukati, bħala kwistjoni ta' urġenza, matul l-ewwel laqgħa tal-Bord tal-Kamra tal-Avukati.

Il-president tal-kamra tal-avukati kompetenti jaħtar avukat mir-Reġistru tal-Għajnuna Legali tal-kamra tal-avukati skont id-deċiżjoni li tingħata assistenza extraġudizzjarja. Il-president tal-kamra tal-avukati jista' japprova, jekk ikun possibbli, li l-assistenza extraġudizzjarja tingħata minn avukat magħżul mill-persuna li lilha tingħata l-għajnuna legali.

Meta r-rikors għall-għajnuna legali pubblika jiġi approvat fil-forma ta' tariffa mħallsa lill-espert, traduttur jew interpretu, il-konklużjoni li tapprova l-għajnuna tistabbilixxi wkoll it-tariffa provviżorja dovuta lilhom. Il-qorti tistabbilixxi t-tariffa finali wara l-għoti tas-servizz li għalih tkun tħallset it-tariffa provviżorja.

Meta r-rikors għall-għajnuna legali pubblika jiġi approvat fil-forma ta' tariffa mħallsa lill-uffiċjal ġudizzjarju, il-konklużjoni li tapprova l-għajnuna tistabbilixxi wkoll it-tariffa provviżorja dovuta lill-uffiċjal ġudizzjarju skont il-kumplessità tal-każ f'dik id-data. Ir-rikors u l-konklużjoni ta' approvazzjoni jintbagħtu malajr kemm jista' jkun lill-kamra territorjali tal-uffiċjali ġudizzjarji fil-ġurisdizzjoni territorjali ta' dik il-qorti. Il-bord tal-kamra territorjali tal-uffiċjali ġudizzjarji jrid jaħtar uffiċjal ġudizzjarju fi żmien tlett ijiem, li jibagħtulu l-konklużjoni rispettiva flimkien mal-avviż tal-ħatra. Il-president irid jinforma wkoll lill-benefiċjarju tal-għajnuna legali pubblika bl-isem tal-uffiċjal ġudizzjarju maħtur. Il-benefiċjarju tal-għajnuna legali pubblika jista' jitlob huwa nnifsu l-ħatra ta' uffiċjal ġudizzjarju partikolari b'kompetenza partikolari.

Wara li l-uffiċjal ġudizzjarju jkun wettaq id-dmirijiet tiegħu skont il-liġi u r-regolamenti tiegħu, il-qorti tistabbilixxi t-tariffa finali, fuq talba tal-uffiċjal ġudizzjarju, skont il-kumplessità tal-każ u l-volum tax-xogħol imwettaq, fil-limiti tat-tariffi stabbiliti skont il-liġi.

Meta r-rikors li jagħti l-faċilitajiet għall-ħlas tal-ispejjeż legali jiġi approvat, il-konklużjoni tiddetermina jew l-eżenzjoni mill-ħlas jew ir-rata ta' skont, l-iskadenzi għall-ħlas u l-valur tal-pagamenti parzjali, fejn applikabbli. Meta l-ispejjeż legali pagabbli jaqbżu l-valur doppju tad-dħul medju ta' kull xahar tar-rikorrent għal kull familja fix-xahar ta' qabel is-sottomissjoni tar-rikors għall-għajnuna legali pubblika, il-ħlas jitqassam b'mod li l-ħlas parzjali pagabbli ta' kull xahar ma jaqbiżx nofs id-dħul nett għal kull familja, sakemm il-qorti ma tqisx il-ħtieġa li tagħti forma ta' għajnuna oħra aktar favorevoli. Il-ħlas tal-ispejjeż legali jista' jitqassam f'mhux aktar minn 48 pagament fix-xahar.

(L-Artikoli 23, 24, 25, 32, 33, 34 u 35 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata, u l-Artikolu 71 u 73 tal-Liġi Nru 51/1995 għall-organizzazzjoni u l-prattika tal-professjoni ta' avukat, kif sussegwentement emendata u supplimentata).

11 Min jagħżilli l-avukat, jekk inkun intitolat għal għajnuna legali?

L-għajnuna legali fil-forma ta' assistenza minn avukat tingħata skont il-Liġi Nru 51/1995 dwar l-organizzazzjoni u l-prattika tal-professjoni ta' avukat, kif ippubblikata mill-ġdid, kif sussegwentement emendata u supplimentata, li tikkonċerna l-għajnuna legali jew l-għajnuna legali mingħajr ħlas.

Jekk ir-rikors għall-għajnuna legali pubblika jkun ġie approvat għal għajnuna fil-forma ta' assistenza minn avukat, dak ir-rikors u l-konklużjoni tal-approvazzjoni jintbagħtu immedjatament lill-president tal-kamra tal-avukati fil-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti. Il-president tal-kamra tal-avukati jew l-avukat inkarigat b'dan il-kompitu mill-president jaħtar avukat elenkat fir-Reġistru tal-Għajnuna Legali fi żmien tlett ijiem, li jibagħtulu l-konklużjoni

flimkien man-notifika tal-ħatra. Il-president tal-kamra tal-avukati jrid jinforma wkoll lill-benefiċjarju tal-għajna legali pubblika bl-isem tal-avukat maħtur. Il-benefiċjarju tal-għajna legali pubblika jista' jitlob huwa nnifsu l-ħatra ta' avukat partikolari, bil-kunsens ta' dan tal-aħħar skont il-liġi.

Fir-rigward tal-assistenza extraġudizzjarja, il-president tal-kamra tal-avukati kompetenti jaħtar avukat mir-Reġistru tal-Għajna Legali tal-kamra tal-avukati skont id-deċiżjoni li tingħata assistenza extraġudizzjarja. Il-president tal-kamra tal-avukati jista' japprova, jekk ikun possibbli, li l-assistenza extraġudizzjarja tingħata minn avukat magħżul mill-persuna li lilha tingħata l-għajna legali.

(L-Artikolu 23 u l-Artikolu 35 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata, u l-Artikoli 71 u 73 tal-Liġi Nru 51/1995 għall-organizzazzjoni u l-prattika tal-professjoni ta' avukat, kif sussegwentement emendata u supplimentata)

12 L-għajna legali tkopri l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti?

L-għajna legali pubblika tista' tingħata fil-forom li ġejjin:

(a) il-ħlas tat-tariffa għar-rappreżentanza, l-assistenza legali u, fejn applikabbli, id-difiża minn avukat maħtur jew magħżul sabiex jiġi żgurat l-eżerċitar jew is-salvagwardjar ta' dritt jew interess leġittimu fil-qorti jew sabiex tiġi evitata tilwima, minn hawn 'il quddiem imsejħa "assistenza minn avukat";

(b) il-ħlas ipprovdut lill-espert, lit-traduttur jew lill-interpretu użat matul il-proċedimenti, bl-approvazzjoni tal-qorti jew tal-awtorità ġudizzjarja, jekk dan il-ħlas jaqa' fuq il-persuna li tippreżenta rikors għall-għajna legali pubblika;

(c) il-ħlas tat-tariffa tal-uffiċjal ġudizzjarju;

(d) eżenzjonijiet minn, tnaqqis, skedar mill-ġdid jew differiment tal-ħlas tal-ispejjeż legali, kif previst mil-liġi, inklużi dawk dovuti fl-istadju tal-eżekuzzjoni.

Meta l-għajna legali pubblika tiġi pprovduta lil ċittadini tal-Istati Membri tal-UE jew lil persuni oħra li jkollhom id-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru, l-għajna legali pubblika approvata tista' tinkludi wkoll:

(a) l-ispejjeż għat-traduzzjoni tad-dokumenti ppreżentati mill-benefiċjarju, li kienu mitluba mill-qorti jew mill-awtorità ġudizzjarja għar-riżoluzzjoni tal-każ, u t-talbiet u d-dokumenti relatati sottomessi jew riċevuti skont dan il-kapitolu huma eżentati mill-formalità tal-legalizzazzjoni jew minn kwalunkwe formalità ekwivalenti oħra;

(b) is-servizzi ta' interpretu fil-proċedimenti li jkunu saru quddiem il-qorti/awtorità ġudizzjarja;

(c) l-ispejjeż imġarrba bl-ivvjaġġar li l-benefiċjarju tal-assistenza jew persuna oħra jridu jagħmlu lejn ir-Rumanija fuq talba tal-qorti jew tal-awtorità ġudizzjarja, jew fejn il-liġi tirrikjedi l-preżenza obbligatorja ta' xi waħda minn dawn il-persuni

L-għajna legali pubblika tista' tiġi pprovduta, separatament jew b'mod kumulattiv, fi kwalunkwe waħda mill-forom imsemmija hawn fuq. Il-valur tal-għajna legali pubblika pprovduta, separatament jew b'mod kumulattiv, fi kwalunkwe forma ta' assistenza minn avukat, espert, traduttur, interpretu jew uffiċjal ġudizzjarju, ma jistax jaqbeż il-livell massimu ekwivalenti ta' tnaqqis-il salarju minimu gross nazzjonali fuq perjodu ta' sena fis-sena meta jkun ġie ppreżentat ir-rikors għall-għajna.

(L-Artikoli 6, 7 u 44 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata).

13 Min għandu jħallas l-ispejjeż l-oħra jekk jien inkun intitolat biss għal għajna legali limitata?

L-ispejjeż li għalihom il-parti tkun ingħatat eżenzjonijiet jew skontijiet bl-approvazzjoni tal-għajna legali pubblika jiġu imposti fuq il-parti l-oħra jekk din tal-aħħar toħroġ telliefa. Il-parti telliefa tkun marbuta li tħallas

dawn l-ammonti lill-Istat.

Jekk il-parti li tkun irċeviet l-għajnuna legali pubblika toħroġ telliefa, l-ispejjeż tal-proċedimenti mġarrba mill-Istat għandhom jiġġarrbu minn din tal-ewwel. Madankollu, il-qorti tista' tiddeċiedi, bir-riżoluzzjoni tal-każ, li torbot lill-parti li tkun irċeviet l-għajnuna legali pubblika legali tħallas lura b'mod sħiħ jew parzjali l-ispejjeż imġarrba mill-Istat jekk, bl-imġiba mhux diliġenti tagħha matul il-proċedimenti, il-parti tkun ikkawżat it-telf tal-kawża jew jekk sentenza tkun aċċertat it-tweqqiq abbużiv tal-azzjoni.

(L-Artikoli 18 u 19 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata).

14 L-għajnuna legali tkopri l-appelli wkoll?

Jekk is-sentenza mogħtija fil-każ li għalih tkun ġiet approvata l-għajnuna legali pubblika tiġi appellata, l-għajnuna legali pubblika mogħtija fl-istadju proċedurali preċedenti fil-forma preskritta ta' assistenza minn avukat tiġi legalment estiża biex tkopri t-tfassil tar-rikors u tar-raġunijiet għall-appell kif ukoll ir-rikors għall-proċedura ta' appell u t-tweqqiq tagħha.

Is-sentenza mogħtija bid-dritt ta' appell u l-kopja tal-konklużjoni li tapprova l-għajnuna legali pubblika jiġu nnotifikati immedjatament lill-kamra tal-avukati għal skopijiet ta' verifika u rikonoxximent jew, fejn applikabbli, biex jinħatar avukat intitolat li jippreżenta rikors quddiem qorti tal-appell. Għall-proċedura tal-appell, l-avukat huwa intitolat għal tariffa separata li tiġi determinata mill-qorti tal-appell skont il-liġi.

Jekk il-parti ma tkunx irċeviet għajnuna legali pubblika fl-istadju proċedurali preċedenti tal-proċedura tal-appell, l-għajnuna legali pubblika tintalab billi jiġi ppreżentat rikors ġdid.

Limitu ta' żmien ġdid għall-preżentata ta' appell jibda jiddekorri mid-data tal-ħatra jew tar-rikonoxximent tal-avukat. Id-data tal-ħatra tal-avukat u d-dettalji tiegħu jiġu kkomunikati lill-qorti u lir-rikorrent fi żmien ta' mhux aktar minn 48 siegħa.

Il-qorti tal-appell tivverifika jekk ir-rekwiżiti għall-għajnuna legali pubblika mogħtija jkunux għadhom qed jiġu ssodisfati. Jekk il-qorti ssib li r-rekwiżiti ma jkunux għadhom qed jiġu ssodisfati, hija tiddeċiedi f'konklużjoni li ttemm l-għajnuna u li torbot lill-parti tħallas lura kompletament jew parzjalment l-ispejjeż imġarrba mill-Istat fil-forma ta' tariffa tal-avukat.

(L-Artikolu 13.1 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata).

15 L-għajnuna legali tista' tiġi rtirata qabel il-konklużjoni tal-proċedimenti (jew saħansitra tiġi revokata wara t-terminazzjoni tal-proċedimenti)?

Id-dritt għall-għajnuna legali pubblika jintemm bil-mewt tal-parti jew bit-titjib fl-istatus finanzjarju ta' dik il-parti sal-punt li tkun tiffaħ tħallas l-ispejjeż legali.

Mal-wasla tar-rikors għall-għajnuna legali pubblika, ir-rikorrent jiġi infurmat li, jekk jitlef il-kawża, l-ispejjeż legali tal-parti l-oħra jitħallsu minnu u tkun prevista l-possibbiltà għalih li jħallas lura l-ammonti riċevuti bħala għajnuna legali pubblika meta parti interessata tirreferi għall-qorti li tkun approvat l-għajnuna legali pubblika u tissottometti evidenza rigward l-istatus reali tal-persuna li għaliha jkun ġie approvat ir-rikors; l-għajnuna legali pubblika ma tiġix sospiża matul l-investigazzjonijiet il-ġodda.

Jekk il-qorti ssib li r-rikors għall-għajnuna legali pubblika kien ippreżentat *in mala fide*, billi nħbiet il-verità, hija toħroġ konklużjoni li torbot lill-persuna li tkun irċeviet l-għajnuna legali pubblika b'mod inġustifikabbli, biex tħallas lura l-ammonti li minnhom kienet eżentata bħala kumpens u biex tħallas multa sa ħames darbiet l-ammont li għalih irċeviet l-eżenzjoni b'mod inġustifikabbli. Jista' jiġi ppreżentat biss rikors għal stħarriġ ġudizzjarju kontra l-konklużjoni, bil-possibbiltà li jintalab, fuq bażi motivata, stħarriġ ġudizzjarju ta' jew deċiżjoni biex jitnaqqsu l-kumpens jew il-multa. Ir-rikors jiġi ppreżentat fi żmien ħamest ijiem mid-data li fiha tiġi nnotifikata l-konklużjoni u jiġi deċiż minn bord ieħor b'konklużjoni irrevokabbli.

Meta, b'sentenza finali u irrevokabli, il-benefiċjarju tal-għajnuna pubblika jakkwista assi jew pretensjonijiet li l-valur jew l-ammont tagħhom jaqbeż il-valur tal-għajnuna pubblika mogħtija b'għaxar darbiet, huwa jkun marbut li jħallas lura l-għajnuna pubblika. Il-proċedura ta' rimborż hija dik stabbilita fil-Kapitolu III ta' din l-Ordni ta' Emerġenza.

(L-Artikoli 10, 14, 17 u 50(2) tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata).

16 Nista' nikkontesta r-rifjut li ningħata għajnuna legali?

Il-qorti tiddeċiedi dwar ir-rikors għall-għajnuna legali pubblika, mingħajr ma ssejjaħ lill-partijiet, b'konklużjoni motivata mogħtija *in camera*. Il-parti interessata tista' tippreżenta rikors għal sħarriġ ġudizzjarju kontra l-konklużjoni li tiċħad ir-rikors għall-għajnuna legali pubblika fi żmien ħamest ijiem mid-data tan-notifika tal-konklużjoni. Ir-rikors għal sħarriġ ġudizzjarju jiġi deċiż *in camera* minn bord ieħor u l-qorti tagħti konklużjoni irrevokabli.

L-għajnuna legali pubblika tista' tiġi rrifjutata meta tintalab b'mod abbużiv, meta l-ispiża stmata tagħha tkun sproporzjonata mal-valur tas-suġġett tal-kawża u meta ma tkunx mitluba sabiex tissalvagwardja interess leġittimu, jew tintalab għal azzjoni li tmur kontra l-ordni pubbliku jew kostituzzjonali.

Jekk it-talba li għas-soluzzjoni tagħha tintalab għajnuna legali pubblika taqa' fil-kategorija ta' dawk li jistgħu jkunu soġġetti għal medjazzjoni jew proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, ir-rikors għall-għajnuna legali pubblika aktarx li jiġi miċħud jekk tinġieb prova li r-rikorrent għall-għajnuna legali pubblika kien irrifjuta li jwettaq tali proċedura qabel ma jinbdew il-proċedimenti legali.

L-għajnuna legali pubblika tista' tiġi miċħuda meta r-rikorrent jitlob kumpens għad-danni għall-ħsara għall-immagnaġni, l-unur jew ir-reputazzjoni tiegħu, meta wieħed iqis li huwa ma jkun sofra l-ebda dannu materjali, u meta r-rikors jirriżulta mis-sengħa jew il-professjoni indipendenti tar-rikorrent.

Meta l-għajnuna legali pubblika tingħata lil ċittadini tal-Istati Membri tal-UE jew lil persuni oħra li jkunu domiċiljati jew abitwalment residenti fit-territorju ta' Stat Membru, l-awtorità ċentrali Rumena tista' tirrifjuta li tittrażmetti rikors għall-għajnuna legali lil Stat Membru ieħor jekk tali rikors ikun b'mod ċar bla bażi jew imur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/8/KE. Jekk ir-rikors għall-għajnuna legali jiġi miċħud mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jirċievi t-talba, l-awtorità ċentrali Rumena titlob lir-rikorrent iħallas lura l-ispejjeż tat-traduzzjoni.

(L-Artikoli 15, 16, 45 u 46 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 51/2008 dwar l-għajnuna legali pubblika f'materji ċivili, kif approvata bil-Liġi Nru 193/2008, kif sussegwentement emendata u supplimentata).

Informazzjoni addizzjonali

Links utli:

[L-Għaqda Nazzjonali tal-Kmamar tal-Avukati fir-Rumanija \(Uniunea Națională a Barourilor din România\)](#)

■ L-aħħar aġġornament: 22/05/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.